# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 374/2018 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**HF**

**U**

**RC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kongunt ta' HF u RC datat 23 t'Awissu 2018 li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu gewwa Malta fit-13 ta' Gunju tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), u minn dan iz-zwieg twieldet tifla, li llum hija maggiorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin permezz ta' kuntratt redatt minn Nutar Peter Fleri-Soler fl-10 ta' Jannar tas-sena 2008 (Ara Dok A);*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li mibarra li ilhom separati legalment ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin, illum ghandhom hajja totalment separata min xulxin;*

*Illi hekk kif jidher mill-istess kuntratt ta' separazzjoni, hemm dekadenza reciproka da parti mill-partijiet tad-dritt li jitolbu u/jew jircievu manteniment minghand*

*xulxin;*

*Illi l-manteiment mahsub ghal wild il-partijiet huwa regolat skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali u dan il-manteniment kif mahsub dejjem gie ivversat puntwalment;*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku."*

Rat li d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**HF** xehed a fol 13 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Gunju 1998 u kien ottjenew separazzjoni legali fil-10 ta' Jannar 2008 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata ghandha wiehed u ghoxrin sena u hija studenta universitarja. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa mill-2008, u li m'hemm l-

ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RC** xehdet a fol 15 *et seqq* u kkonfermat ix-xhieda moghtija minn HF

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
> ***[...]***

Il-Qorti targhaf illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 10 ta' Jannar 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament sa minn dak inhar – vide Dok A a fol 2 et seqq.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet u l-manteniment tat-tifla taghhom dejjem gie mhallas puntwalment – vide xhieda a fol 16.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mil-lum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**